MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' Awwissu, 2011

Citazzjoni Numru. 834/2010

**Pada Builders Limited (C-9772)**

***kontra***

**Philip Agius & Sons Limited (C-5643), Schembri Infrastructures Limited (C-17388), Black Top Limited (C-26800) u Philip Agius & Sons Limited (C-35991) ; kif ukoll Mario Agius u Francis Schembri**

**Il-Qorti :**

Illi fir-rikors promotorju tal-kawza fl-ismijiet premessi, il-kumpannija Pada Builders Limited, bhala azzjonista ta` minoranza fil-kumpannija Black Top Limited (C26800), qeghda titlob minn din il-Qorti rimedji skond l-**Art.402 tal-Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta billi qeghda tallega li l-kumpanniji intimati, bhala azzjonisti ta` maggoranza tal-istess Black Top Limited, tramite d-diretturi li hatru fit-tmexxija tal-kumpannija Black Top Limited, ghamlu atti oppressivi ngusti u diskriminatorji bi pregudizzju u ghad-detriment taghha u tal-istess Black Top Limited.

Illi fir-risposta taghhom, il-kumpanniji intimati cahdu li saru l-atti lamentati mill-kumpannija rikorrenti.

Illi l-pretensjoni tal-kumpannija rikorrenti hija bazata fuq l-allegazzjoni li l-prezz tat-tarmac, li huwa l-uniku prodott ta` Black Top Limited, qieghed jinzamm apposta taht il-prezz tas-suq sabiex it-tarmac jigi akkwistat bi prezz baxx mill-istess kumpanniji intimati. Skond il-kumpannija rikorrenti, dan qieghed ikollu effett negattiv ghal Black Top Limited ghax din qeghda ggarrab telf billi l-ispejjez taghha baqghu joghlew, qieghed ikun hemm effett negattiv fuq l-investiment tal-kumpannija rikorrenti fi Black Top Limited, u effett negattiv fuq il-valur tal-ishma fl-istess kumpannija. Il-kumpannija rikorrenti tasal biex tallega li l-kumpanniji intimati qeghdin jittentaw ibaxxu l-valur tal-ishma ta' Black Top Limited sabiex jekk ikun il-kaz jixtru bl-irhis l-ishma tal-kumpannija rikorrenti. Skond il-kumpannija rikorrenti, il-kumpanniji ntimati qeghdin jibbenefikaw mill-prezz baxx tat-tarmac ta` Black Top Limited li huma stess qeghdin jiffissaw sabiex b`hekk qeghdin ikunu f`qaghda li jikkompetu f`qaghda vantaggjuza meta jigu biex jikkwotaw il-prezz tax-xoghol taghhom lil terzi.

Illi l-kumpanniji ntimati jikkontestaw il-pretensjoni tal-kumpannija rikorrenti ghax isostnu li l-ghan wara l-kostituzzjoni tal-kumpannija Black Top Limited, meta t-tliet kumpanniji azzjonisti kienu nvoluti fix-xoghol tat-tqeghid tat-tarmac fit-toroq, kien propju li jiffissaw prezz baxx

ghall-prodott b`mod li mbaghad individwalment ikollhom posizzjoni ahjar fis-suq tax-xoghol ma` terzi. Ighidu li l-kumpannija rikorrenti marret lura minn dak l-intendiment hekk kif ma baqghetx involuta fix-xoghol tat-tqeghid tat-tarmac u kien minhabba l-atti gudizzjarji taghha u l-imgieba tad-direttur li jirrapprezentaha fil-kumpannija Black Top Limited li din l-istess kumpannija kellha t-telf fl-2010.

Illi l-kawza tinsab fl-istadju tal-provi tal-kumpannija rikorrenti li huwa mistenni li taghlaq il-provi taghha fl-udjenza tal-**11 ta` Ottubru 2011 fid-9.30 a.m.**

Illi bir-rikors taghha tat-8 ta` Lulju 2011, ghar-ragunijiet li din il-Qorti diga` rreferiet ghalihom, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex taghti **provvediment *interim*** *sabiex il-prezz li bih* (!) *is-socjeta` Black Top Limited jkun dak patwit u maqbul bejn l-azzjonisti (jew diretturi) kollha tal-istess socjeta`, jew fin-nuqqas ta` dan b`dak il-prezz stabbilit minn perit komputista li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta u tinnomina f`dan ir-rigward.*

Illi fir-risposta taghhom, il-kumpanniji intimati, filwaqt li jsostnu r-ragunijiet tal-kontestazzjoni generali taghhom li ghaliha din il-Qorti diga` ghamlet riferenza, filqosor qeghdin ighidu fl-ewwel lok li l-provvediment *interim* specifikament rikjest mill-kumpannija rikorrenti la huwa legalment u wisq anqas kommercjalment korrett, fit-tieni lok qeghdin jinsistu li ladarba r-rikors promotorju huwa msejjes fuq l-Art.402 tal-Kap.386 l-intervent tal-Qorti ghandu jitlaq mill-prova (li tinkombi lill-kumpannija rikorrenti) li l-kumpanniji intimati, bhala azzjonisti ta` maggoranza ta` Black Top Limited, ghamlu atti oppressivi ngusti u diskriminatorji bi pregudizzju u ghad-detriment tal-kumpannija rikorrenti, bhala azzjonista ta` minoranza, u tal-istess Black Top Limited, u fit-tielet lok qeghdin jikkontendu li soluzzjoni tal-problema bejn il-partijiet hija *illi jigi stabbilit permezz ta` terzi persuni indipendenti u kompetenti l-veru valur tal-ishma ta` Pada Builders sabiex*

*gia la darba stabilit dan b`metodologija professjonali u accettabbli ghaz-zewg partijiet, l-istess ishma ta` Pada Builders jigu offruti ghax-xiri lill-azzjonisti l-ohrajn u mbaghad f`kaz li dawna ma jigux mixtrija mill-azzjonisti l-ohra presenti ta` Black Top Ltd, Pada Builders ikun jista` jbiegh l-istess lil terzi. Din is-soluzzjoni u dan ir-rimedju logiku u gust (ghar-ragunijiet mistura taghhom) ma talbuhx.*

Illi wara li qieset il-premess, u in linea ma` l-verbal tal-udjenza tal-kawza tat-12 ta` Lulju 2011, qeghda tipprovdi kif gej -

**<u>Specifikament</u> ghall-fini tal-provvediment tal-lum, u ghal xi provvedimenti ohra relatati li tista` taghti fil-futur, din il-Qorti trid taghmilha cara minn issa li ghalkemm hija sejra tirreferi ghall-Art.402 tal-Kap.386, fl-istess waqt qeghda tghid ukoll li dak li sejra tipprovdi ghandu jitqies <u>limitatament</u> u fil-kuntest tat-talba tal-kumpannija rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tat-8 ta` Lulju 2011 u fil-kuntest tat-twegiba tal-kumpanniji intimati. Ghalhekk dan il-provvediment mhux sejjer jolqot il-mertu tal-istanza tal-kumpannija rikorrenti ghax il-mertu ghad irid jigi deciz `il quddiem wara li din il-Qorti tisma` l-provi kollha.**

Bl-Art.402 tal-Kap.386, l-azzjonisti ta` kumpannija jitlobu harsien tad-drittijiet taghhom fejn huma ma jistax ikollhom kontroll ghax ikunu fil-minoranza u minhabba f'hekk ikunu soggetti ghar-rieda ta' dawk l-azzjonisti li jkunu fil-pussess tal-maggoranza tal-ishma. Din il-protezzjoni tapplika ghall- azzjonista kemm jekk ikun rapprezentat permezz ta' direttur u kemm jekk le. In-nuqqas ta' rappresentanza fit-tmexxija ta' kumpannija mhux *per se* att opprimenti, ingust jew diskriminatorju. Li wiehed ikollu ishma f'kumpannija ma jaghtix dritt assolut lil azzjonista li jkollu rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpannija. Il-protezzjoni gudizzjarja ta' l-azzjonista

minoritarju hija fis-sens li min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jikkommettix atti li jopprimu b`mod ingust u diskriminatorju lil min jippossjedi l-minoranza tal-ishma.

Dwar l-Art.402 tal-Kap.386, din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza taghha tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**Monreal et vs Delia noe**" qalet hekk -

*Dawn il-provvedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonista ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonista, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpannija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonista li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti …*

Fil-Ligi Ingliza (Art 459 tal-Companies Act 1985) jinstab rimedju simili maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta' l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kawza "**Saul D. Harrison & Sons plc**" ([1995]) 1BCLC il-linji ta' gwida dwar kif kellu jkun operat biex ikun jista' jitqies bhala, "*unfairly prejudicial*" (fit-test Malti tal-ligi taghna, din il-frazi hi tradotta "*b'mod mhux gust ta' pregudizzju*"). Fl-ewwel lok, wiehed irid jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpannija. Izda fl-applikazzjoni ta` din id-dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettativi legittimi ("*legitimate expectations*") li r-rikorrent jista' jkollu.

**Specifikament** dwar mizuri *interim* din il-Qorti, kif presjeduta, kellha okkazjoni tippronunzja ruhha dwarhom fid-digriet taghha tad-9 ta` Gunju 2011 fil-kawza **"Lonavi Properties Limited vs Balkan Power Invest Holding Limited et"** (Rikors Nru. 1221/10 JZM).

Hemm din il-Qorti ccitat estratt mill-Kapitolu 16 tal-ktieb **"Principles of Maltese Company Law"** (Malta University Press – 2007) tal-Prof Andrew Muscat specifikament fejn l-awtur ittratta f`pagna 997 l-kwistjoni tal-*interim orders* fl-ambitu tal-Art.402 tal-Kap.386 u qal hekk -

*Before examining the different types of order that can be made by the court, a preliminary question should be considered : whether a court may issue an interim order pending final judgement. The position in English law is that English courts do, where appropriate, have the power to issue interim orders – usually orders for payment on account or orders designed to preserve the status quo. The Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order. Nor does any jurisdiction result from any general provision in the Code of Organisation and Civil Procedure. It is significant that where the legislator wished to grant to a court the power to make interim orders, the legislator did so by express provision, as with the power of the court to issue a "provisional order" under article 37(5) of the Merchant Shipping Act (prohibiting dealings in a ship until the court definitely decides on the merits) and the power of the court to initially issue a warrant of prohibitory injunction for an "interim period" under article 873(7) of the Code of Organisation and Civil Procedure. In practice, situations may sometimes arise where the issue of an interim order would be necessary to protect the interests of the complainant or of the company. The introduction of an amendment to article 402 would allow the court to issue interim orders would be another helpful tool in the court`s*

*arsenal against oppressive, unfairly prejudicial or unfairly discriminatory conduct ...*

Pero` f`dak id-digriet din il-Qorti kompliet hekk -

***din il-Qorti tghid li ma jidhrilhiex li ghadha tadotta posizzjoni rigida u nflessibbli fl-ghoti ta` interim measures ghaliex "the Maltese Companies Act is silent on the question of whether a court, seized of an issue under article 402, is entitled to issue an interim order" (kif sostna Prof Muscat).***

***Jidher li l-Qrati nghataw diskrezzjoni pjuttost wiesgha, kemm biex jiddeciedu jekk kienx hemm agir "mhux gust ta' pregudizzju", u kemm fir-rimedji li jistghu jaghtu. Ghalkemm l-Art.402 isib l-ghajn ta` riferenza tieghu fl-Art.459 tal-Companies Act Ingliza (op. cit.), fejn jidher li dak l-artikolu kien intiz li jipprovdi rimedju definittiv fl-istess waqt irid jinghad li ma jistax jigi eskluz li tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` kull kaz u sitwazzjoni il-Qrati jistghu u ghandhom jaghtu rimedji temporanji, jekk hekk ikun mitlub jew jekk hekk ikun jidher opportun.***

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Limited et**" meta kkonfermat id-decizjoni fl-Ewwel Istanza -

*Il-hsieb wara dan l-artikolu* (u cioe` l-Art.402) *huwa li jiftah l-iskop ta' intervent da parti mill-Qorti, u din il-Qorti tkun qed taghmel "disservice" lill-azzjonisti minoritarji jekk tkun hi li terga taghlaq parzjalment il-bieb li fetah il-legislatur bl-Artikolu 402. Bis-sahha ta' dak l-artikolu, il-Qorti tista' taghti dak ir-rimedju li jidhrilha li jkun opportun, inkluz allura, rimedji u ordnijiet temporanji li jservu biex jigi rispettat l-istatus quo sakemm tigi mistharga kwistjoni jew sakemm tigi rizolta sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.*

*Ovvjament, dan ma jfissirx li r-rimedju mitlub se jinghata, ghax il-Qorti ghad trid tisma' l-provi u t-trattazzjoni dwar il-kwistjoni li nqatghet, imma l-Qorti hi tal-fehma li rimedju jista' jinghata …*

Din il-Qorti sejra taghmel taghha dan l-insenjament, ghax hija tal-fehma li japplika ghall-kaz tal-lum, u tghid li ghandha kull jedd a tenur tal-Art.402 li taghti *interim measures* u cioe` ordnijiet temporanji li jservu sabiex il-kumpannija ma ggarrabx konsegwenzi trawmatici jew negativament irreversibbli sakemm tigi mistharrga u deciza l-kwistjoni bejn l-azzjonisti jew sakemm tigi rizolta xort`ohra is-sitwazzjoni ta' konflitt fi hdan il-kumpannija.

**Fil-kaz tal-lum, bla pregudizzju ghall-mertu li ghad irid jigi deciz fil- waqt opportun, din il-Qorti qeghda taghti dawn l-ordnijiet *interim* li gejjin –**

**1) Il-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija Black Top Limited ghandu jiltaqa` sa zmien erba` gimghat mil-lum sabiex jistabilixxi b`mod unanimu l-prezz minimu tal-bejgh tat-tarmac li tipproduci l-kumpannija. Ghandhom jinzammu l-minuti tal-laqgha li ghandhom jinkludu riferenza ghal kull rizoluzzjoni jew decizjoni li ttiehed. Kopja legali ta` dawn il-minuti ghandha tigi prezentata mill-partijiet jew min minnhom fir-Registru ta` din il-Qorti sa zmien erba` gimghat mil-lum.**

**2) Jekk din il-laqgha ma tinzammx, tkun xi tkun ir-raguni, fit-terminu ta` erba` gimghat mil-lum, inkella tinzamm izda ma jkunx hemm qbil unanimu dwar il-prezz minimu tal-bejgh tat-tarmac li tipproduci l-kumpannnija, allura f`dak il-kaz il-prezz minimu ghandu jigi stabbilit mill-Awditur Kevin Mahoney li qieghed jigi mahtur bhala perit tekniku minn din il-Qorti ghal dan l-iskop. Ghall-fini tal-ahjar ezekuzzjoni tal-inkariku tieghu, din il-Qorti qeghda tahtar wkoll lill-**

**Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala perit legali sabiex jassisti lill-perit tekniku. Il-periti ghandhom jibdew jezegwixxu l-inkariku taghhom mhux qabel erba` gimghat mil-lum. Il-partijiet ghandhom jaghtu access shih lill-periti ghal kull dokument li jistghu jqisu bhala mehtieg u rilevanti ghat-twettieq tal-inkariku li qieghed jinghata bis-sahha ta` dan il-provvediment.**

**3) Il-Bord tad-Diretturi ta` Black Top Limited ghandu jinkarika lill-Awdituri attwali ta` Black Top Limited sabiex sa zmien tnax-il gimgha mil-lum dawn l-Awdituri jistabilixxu l-prezz tal-lum ta` kull sehem fil-kumpannija Black Top Limited. Fl-istess zmien, il-partijiet fil-kawza ghandhom jiddikjaraw permezz ta` nota prezentata fir-Registru ta` din il-Qorti jekk hemmx ftehim bejniethom dwar il-bejgh jew trasferiment tal-ishma favur min mill-azzjonisti attwali jew il-kumpannija Black Top Limited stess huwa interessat fil-bejgh jew trasferiment tal-ishma skond il-prezz stabbilit mill-Awdituri.**

**4) Jekk ma jintlahaqx ftehim, din il-Qorti tordna li r-rapport tal-Awdituri li jistabilixxi l-prezz ta` kull sehem illum ghandu jigi prezentat mill-partijiet jew min minnhom fi zmien tnax-il gimgha mil-lum fir-Registru ta` din il-Qorti.**

**5) Jekk f`gheluq iz-zmien imsemmi fil-paragrafu 3 ma jintlahaqx il-ftehim msemmi fl-istess paragrafu 3, allura din il-Qorti qeghda tahtar lill-Awditur Kevin Mahoney bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi (a) kemm huwa l-valur illum ta` kull sehem fil-kumpannija Black Top Limited (b) kemm kien il-valur ta` kull sehem fl-2010 (c) kemm kien il-valur ta` kull sehem fl-2009 u (d) kemm kien il-valur ta` kull sehem fl-2008. Ghall-fini tal-ahjar ezekuzzjoni tal-inkariku, din il-Qorti qeghda tahtar wkoll lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala perit legali sabiex**

**jassisti lill-perit tekniku. Il-periti ghandhom jibdew jezegwixxu l-inkariku taghhom mhux qabel tnax-il gimgha mil-lum. Il-partijiet ghandhom jaghtu access shih lill-periti ghal kull dokument li jistghu jqisu bhala mehtieg u rilevanti ghat-twettieq tal-inkariku li qieghed jinghata bis-sahha ta` dan il-provvediment.**

**6) Tordna li l-hatra tal-periti tkun provvizorjament a kariku tal-kumpannija intimata Black Top Limited.**

**Thalli r-rikors ghall-informazzjoni ulterjuri ghall-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2011 fid-9.30 a.m.**

**Tordna l-komunika ta` dan id-digriet lill-Avukati Dottor John Vassallo, Hugh Peralta u Christian Grima, u lill-Periti Gudizzjarji l-Awditur Kevin Mahoney u Avukat Dottor Richard Galea Debono**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------